MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1270/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Prolite Malta Limited (C 30369)**
**2. John Cassar Aveta K. I. Nru 33356 (M), u**
**3. Jennifer Cassar Aveta K.I. Nru. 782954 (M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c datat 23 ta’ Dicembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Elizabeth Sciriha datati 3 ta' Marzu

2004 (Dok. "A" u Dok. "B") is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Prolite Malta Limited;

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Prolite Malta Limited fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, seba' mija u tlieta u sittin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€42,763.41) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan* u *Overdraft Accounts*" tas-socjeta` Prolite Malta Limited mal-Bank of alletta p.l.c. (Dok. "C 1" sa "C 45", Dok. "D 1" sa "D 3" u Dok. "E 1" sa "E") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Novembru 2008 sad-data tal-effettiv pagarnent;

Illi permezz taz-zewg kuntratti fuq imsemmija maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Elizabeth Sciriha u datati 3 ta' Marzu 2004 (Dok. "A" u Dok. "B") il-konvenuti John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta iggarantew flimkien u "*in solidum*" mas-socjeta` Prolite Malta Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti tal-istess Prolite Malta Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi is-socjeta` Prolite Malta Limited, John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopra-indikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta` Prolite Malta Limited, John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attrici *nomine* taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Illi s-socjeta` konvenuta Prolite Malta Limited, John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 16 ta' Gunju 2008 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "F" u Dok. "G", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda

dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (Dok. "A" u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi is-socjeta` Prolite Malta Limited, John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta, (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopra-indikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta`' Prolite Malta Limited, John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lurata' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Prolite Malta Limited, John Cassar Aveta u Jennifer Cassar Aveta jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u erbghin elf, seba' mija u tlieta u sittin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€42,763.41) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan* u *Overdraft Accounts*" tas-socjeta` Prolite Malta Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C 1" sa "C 45", Dok. "D 1" sa D 3" u Dok. "E 1" sa E 3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Novembru 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut John Cassar Aveta lis-socjeta` attrici li ghalihom is-socjeta` attrici tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 16 ta' Gunju 2008 u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 3 sa fol. 69 tal-process;

Rat li dan ir-rikors guramentat kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Frar 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ April fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Dominic Cassar ghas-socjeta’ attrici, l-intimata Jennifer Cassar Aveta u Dr. Stefano Filletti ghall-intimati kollha li pprezenta u qara nota ta’ ammissjoni.

Billi mill-ammissjoni tal-intimati, it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------